MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 655/2012

**Golden Harvest Mfg Co Ltd (C-176)**
**Vs**
**Philip Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici li permezz tieghu l-konvenut hu debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elfejn tlett mija u erbatax-il ewro (€2,314) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata; illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali tad- 9 ta’ Lulju, 2012, referenza 1382/12, dan baqa’ inadempjenti; ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta’ attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallas lilha l-ammont ta’ elfejn tlett mija u erbatax-il ewro (€2,314.00), rapprezentanti bilanc fuq prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata; bl-ispejjez ta’ din il-procedura, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali tad- 9 ta’ Lulju, 2012, referenza 1382/12, u dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1856/12 fl-ismijiet

fuq premessa, u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-fatturi/*delivery notes* relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li  l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta' Mejju, 2013 mill-avukat Dr Veronica Aquilina w l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t'elfejn tlett mija u erbatax-il ewro (€2,314) u dan bl-ispejjez kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali 1382/12 u l-mandat ta' sekwestru 1856/12 u bl-imghaxijiet legali dekorribli kif mitluba u skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------